# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

### Illum l-Erbgħa, 27 ta' Ġunju 2018

**Kawża Nru: 9**

**Mandat t' Inibizzjoni Nru: 683 / 03 / 1 JA**

**Citadel Insurance plc**

**-vs-**

**Mark Randon u martu Michelle Randon**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tad-29 ta' April 2003 li permezz tiegħu s-soċjeta' Citadel Insurance plc talbet lil din il-Qorti tinibixxi lill-konjuġi Mark u Michelle Randon milli jiddisponu minn xi proprjeta', partikolarment id-dar numru 132, Valley Road, Birkirkara, u dan in kawtela ta' pretenzjoni ta' kreditu fl-ammont ta' Lm75,561.26, liema pretenzjoni ġiet dedotta b'Ċitazzjoni Nru 1218/02 fl-ismijiet *"Citadel Insurance plc vs Shield Services u Mark u Michelle Randon."*

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' April 2003 stess li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors għall-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni **provviżorjament**, filwaqt li rriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-intimati tas-27 ta' Mejju 2003 li permezz tagħha talbu lil din il-Qorti biex tiċħad ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern u biex *in oltre* jiġu applikati s-**sanzjonijiet** *ai termini* tal-Artikolu 836(8)(b) *stante* li s-soċjeta' rikorrenti ma nterpellathomx biex iħallsu l-ammont pretiż minnha fi żmien ħmistax-il jum qabel il-preżentazzjoni tar-rikors.

Rat il-verbal tal-11 ta' Ġunju 2003 li permezz tiegħu ġie ordnat li r-rikors odjern għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u l-kawża 1218/02 jinstemgħu flimkien.

Qabel xejn din il-qorti tirreferi għall-Artikolu 875 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula li għalkemm il-Qorti tista' tipprovdi dwar ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju proviżorjament, għandha wara li tappuntah għas-smigħ, tiddeċiedih mhux aktar tard minn xahar mill-jum li jkun ġie ppreżentat u maħluf u l-partijiet ġew debitament notifikati:

> *(1) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-sub-artikolu. Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni, il-Qorti tista' tilqa' t-talba.*
>
> *(2) **Il-Qorti tista' għall-ewwel toħroġ proviżorjament mandat għal żmien qasir** taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha li jkun jeħtieġ skont il-każ u sussegwentement tipprovdi definittivament.*

> *(3) Il-Qorti għandha, wara li tappunta għas-smigħ, tiddeċiedi dan ir-rikors, wara li tisma' kull xhieda li jidhrilha xierqa, u dan fl-iqsar żmien possibbli* ***iżda mhux aktar tard minn xahar mill-ġurnata li ġie preżentat u maħluf il-mandat u l-partijiet ġew debitament notifikati****. (enfasi ta' din il-Qorti)*

Illi jiġi ppreċiżat illi fiż-żmien li saret it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, ma kienx jeżisti tali artikolu. (Dan fil-fatt ġie fis-seħħ permezz tal-Att Nru XIV tal-2006.) Għalhekk din il-Qorti ma kinitx marbuta li tagħti d-digriet finali fiż-żmien imsemmi.

Issa permezz ta' sentenza mogħtija llum stess minn din il-Qorti fir-rigward tal-kawża 1218/02JA it-talba tas-soċjeta' attriċi ġiet milqugħa fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta limitatament fl-ammont ta' Lm70,147.76.

**Illi din il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi qiegħda tilqa' r-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni in kwantu sar kontra l-konjuġi Randon personalment**.

**Illi l-intimati talbu li s-soċjeta' rikorrenti tiġi ordnata tħallas penali *ai termini* tal-Artikolu 836(8)(b). Dan l-artikolu jistipula li l-Qorti *tista'* tikkundanna lir-rikorrent biex iħallas penali ta' bejn Lm500 u Lm3,000[1] lill-intimat jekk ir-rikorrent ma jurix li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors huwa kien *b'xi mod* talab lill-intimat iħallas id-dejn. (Tali dispożizzjoni ma tapplikax jekk jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat).**

**Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti filwaqt li tirreferi għas-sentenza definittiva tagħha mogħtija llum stess, mhijiex se tilqa' din it-talba.**

[1] tali ammonti kienu hekk fiż-żmien li sar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat u għadhom hekk sallum (ċjoe' l-ekwivalenti f'ewro: €1,164.69 - €6,988.12)

**Illi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**